



Brussell, 29 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

10301/21

STAT 21
FIN 533

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9761/21 STAT 20 FIN 460	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 23/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal: Wasal iż-żmien biex il-proċess tal-għażla jiġi adattat għall-ħtiġijiet ta' reklutaġġ li qed jinbidlu" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (28 ta' Ġunju 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 23/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal: Wasal iż-żmien biex il-proċess tal-għażla jiġi adattat għall-ħtiġijiet ta' reklutaġġ li qed jinbidlu", kif approvati mill-Kunsill (AGRIFISH) fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Ġunju 2021.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar
ir-Rapport Speċjali 23/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri
"L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal:
Wasal iż-żmien biex il-proċess tal-għażla jiġi adattat għall-ħtiġijiet ta' reklutaġġ li qed
jinbidlu"**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' r-Rapport Speċjali (minn hawn 'il quddiem: "ir-rapport") tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem: "il-QEA") li jivvaluta l-effettività u l-effiċjenza tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (minn hawn 'il quddiem "l-EPPO") biex jattira u jagħmel kandidati bi kwalifiki għolja u JAPPOĠĠA l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-rapport sabiex jissaħħa il-proċess tal-għażla;
2. JAPPOĠĠA r-rwol kruċjali li għandu l-EPPO biex l-istituzzjonijiet tal-UE jkunu jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom ta' reklutaġġ billi jagħżlu b'suċċess għadd kbir ta' kandidati b'firxa wiesgħa ta' ħliet għal karriera twila u varjata; JENFASIZZA li servizz ċivili attraenti tal-UE huwa ta' importanza kbira għall-funzjonament tajjeb tal-istituzzjonijiet tal-UE;
3. IFAKKAR li l-għażla għandha tkun ibbażata fuq il-mertu u orjentata lejn il-kisba, għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji, tas-servizzi ta' uffiċjali tal-ogħla standard ta' kapaċità, effiċjenza u integrità, magħżula minn fost nazzjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni fuq bażi kemm jista' jkun ġeografikament mifruxa;
4. JENFASIZZA l-importanza assoluta tat-trasparenza u t-trattament ugwali f'kull proċedura ta' għażla u JIRRIKONOXXI lill-EPPO bħala garanti ta' dan fit-tmexxija ta' kompetizzjonijiet kemm ġeneralisti kif ukoll speċjalizzati;

5. IHEĠĠĠĠ lill-EPPO biex ikompli bl-isforzi tiegħu biex itejjeb il-metodi tal-ħidma kif ukoll il-proċeduri tal-ġhażla tiegħu; JISSOTTOLINJA b'mod partikolari l-ħtieġa ta' qafas aktar rapidu u kosteffiċjenti għall-kompetizzjonijiet speċjalizzati, filwaqt li JINNOTA l-ħtieġa li titkompla l-ħidma dwar l-adegwatezza tal-metodoloġija tal-ġhażla għall-kompetizzjonijiet kollha;
6. JINNOTA r-reviżjoni tal-arranġamenti għall-eżamijiet ippjanata mill-EPPO fl-2021, inkluż fir-rigward ta' reġim lingwistiku ġdid wara l-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja;
7. JENFASIZZA l-preferenza tiegħu għall-ġhażla permezz ta' kompetizzjonijiet miftuħa u JIRRIKONOXXI li t-tmexxija b'suċċess ta' kompetizzjonijiet miftuħa teħtieġ il-kollaborazzjoni tal-atturi kollha involuti, b'mod partikolari fir-rigward ta' qbil preċiż bejn l-istituzzjonijiet rikjedenti u l-EPPO dwar l-arranġamenti tal-ippjanar;
8. JOSSERVA li l-komunikazzjoni mal-kandidati u l-Istati Membri qabel, matul u wara l-proċess tal-ġhażla kif ukoll il-komunikazzjoni mmirata biex tattira gradwati li reċenti hija ta' importanza kbira u jistħoqqilha attenzjoni kostanti;
9. IHEĠĠĠĠ lill-EPPO biex jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet mogħtija fir-rapport u jagħti attenzjoni speċjali lil:
 - it-tisħiħ tal-promozzjoni tal-karrieri fl-UE sabiex jiġi attirat numru akbar ta' gradwati u kandidati potenzjali, inkluż dawk li jgħixu barra miċ-ċentri ta' interess tradizzjonali għal pożizzjoni fl-istituzzjonijiet tal-UE;
 - f'dak il-kuntest, riflessjoni ulterjuri dwar il-possibbiltà li jittieħdu miżuri speċifiċi, b'kont meħud tal-progress li sar f'konformità ma' diskussjonijiet preċedenti mal-pajjiżi fil-mira;
 - titjib fil-komunikazzjoni tiegħu mal-kandidati u l-Istati Membri kemm qabel, matul, kif ukoll wara l-proċess tal-ġhażla, b'rispett għad-diversità lingwistika fl-Unjoni;
 - adattament ulterjuri għal ambjent ta' rekrutaġġ li qed jinbidel malajr, filwaqt li jitqiesu l-aħħar żviluppi teknoloġiċi għat-tmexxija ta' kompetizzjonijiet miftuħa bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE;
 - it-tnaqqis tat-tul tal-kompetizzjonijiet sa mira ta' mhux aktar minn 10 xhur kif speċifikat fil-Pjan ta' Żvilupp tal-EPPO, u l-monitoraġġ tal-ispejjeż tal-kompetizzjonijiet;

10. JITLOB lill-istituzzjonijiet tal-UE biex iħeġġu l-persunal tagħhom iservi bħala membru ta' bord tal-għażla, u biex jirrikonoxxu dan bħala parti integrali mill-karriera tagħhom, u JITLOB lill-EPPO biex jieħu ħsieb it-taħriġ meħtieġ;
 11. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex taġixxi fuq rakkomandazzjonijiet preċedenti magħmula mill-QEA dwar it-tfassil ta' pjan ta' azzjoni biex jiġu attirati, żviluppati u miżmuma persuni minn firxa wiesgħa ta' esperjenza professjonali u nazzjonalitajiet.
-